

# Kif tilbes il-maskra tal-wiċċ
# How to wear a face mask – Maltese

There are two types of face masks you can use: cloth masks and surgical masks. Cloth masks are made of washable fabric and can be re-used.

Hemm żewġ tipi ta’ maskri li jgħattu l-wiċċ li tista’ tuża: maskri tad-drapp u maskri tal-operazzjonijiet. Maskri tad-drapp huma magħmula minn drapp li jinħasel u li jista' jerġa’ jintuża.

Għal aktar tagħrif mur f’DHHS.vic – Tiksi l-wiċċ - 11.59pm L-Erbgħa 22 ta’ Lulju <https://www.dhhs.vic.gov.au/face-masks-covid-19>

**Meta tilbes maskra din tipproteġik u lill-komunità tiegħek billi tipprovdi barriera fiżika oħra għal kontra l-coronavirus (COVID-19).**

**Jekk ma tistax tikseb maskra li tgħatti l-wiċċ, hemm forom oħra li tista’ tuża biex tgħatti l-wiċċ bħal skarf jew bandana**




Aħsel idejk qabel ma tilbes il-maskra.



Ara li tgħatti imnieħrek u l-ħalqek u tiffittja sewwa taħt geddumek, fuq l-għadma ta’ mnieħrek u mal-ġnub ta’ wiċċek.



**Tmissx il-parti ta’ quddiem tal-maskra waqt li tkun qed tilbisha.**
Jekk tmiss il-maskra, aħsel jew issanitiżża idejk minnufih.
Tħallisx li l-maskra toqgħod imdendla ma’ għonqok.



Biex tneħħi l-maskra, l-ewwel aħsel jew issanitiżża jdejk.

Neħħi bir-reqqa l-maskra tiegħek billi taqbad il-ħoloq tal-widnejn u ħoll l-għoqdiet. Fil-każ ta’ maskri b’par ta’ għoqdiet, l-ewwel ħol ta’ taħt, imbagħad ta’ fuq.

Jekk il-maskra tiegħek għandha l-filtri, neħħihom u armihom.
Itwi l-maskra u poġġiha dritt fil-londri jew f’borża li tarmiha jew taħsilha biex taħsilha.
Maskri tal-operazzjonijiet li jintużaw darba biss għandhom jintremew b’mod responsabbli.



Aħsel jew issanitiżża jdejk wara li tneħħi l-maskra.

Aħsel kuljum l-oġġetti tad-drapp li bihom tgħatti l-wiċċ fl-ilma sħun (60°C) bis-sapun jew deterġent tal-ħasil tal-ħwejjeġ.

Ara li ma tħalli lil ħadd juża l-maskra tiegħek li tgħatti l-wiċċ

## X’għandek bżonn tibqa’ tagħmel

- Aħsel idejk regolarment
- Żomm 1.5 metri ’l bogħod mill-oħrajn
- Kun ittestjat, anki jekk għandek sintomi li mhumiex serji
- Oqgħod id-dar jekk tħossok ma tiflaħx.



To receive this document in another format email Public Health branch <public.health@dhhs.vic.gov.au>.

Authorised and published by the Victorian Government, 1 Treasury Place, Melbourne.
© State of Victoria, Australia, Department of Health and Human Services, 24 July 2020.
Available at DHHS.vic – Coronavirus (COVID-19) <https://www.dhhs.vic.gov.au/coronavirus>